# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 27 ta' Jannar, 2021.**

**Numru 21**

**Rikors numru 239/2008 AF**

**Windsor Company Limited (C 2322)**

**v.**

**Sovereign Hotels Limited (C 10538)**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ta' Sovereign Hotels Limited tal-11 ta' Marzu, 2008, li jaqra hekk:

> "Illi l-esponenti giet notifikata bl-ittra ufficjali datata 18 ta' Frar, 2008 ipprezentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet "Windsor Company Limited (C2322) vs Sovereign Hotels Limited (C10538)" (kopja hawn esibita bhal Dok. A) li biha s-socjetà Windsor Company Limited interpellat lis-socjetà rikorrenti thallas is-somma ta' Euro29,705.10 (ekwivalenti ghal Lm12,752.40) rapprezentanti import ta' tnax-il kambjala accettata mis-socjetà rikorrenti a favur tas-socjetà intimata

(kopji tal-imsemmija kambjali hawn huma esibiti bhala Dok. B sa Dok. M), liema intima allegatament saret a tenur ukoll talartiklu 256 (2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

"Illi l-import tal-imsemmija kambjali huma, ghar-rigward tal-kambjala markata Dok. B fl-ammont ta' Lm4000, u gharrigward tal-kambjali l-ohra fl-ammont ta' Lm1068.40 kull wahda.

"Illi ghalhekk il-Qorti kompetenti sabiex tiehu konjizzjoni ta' rikors ipprezentata a tenur tal-Artiklu 253(e) tal-Kap. 12 hija l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta).

"Illi kontestwalment ma dana l-att r-rikorrenti ipprezentat rikors (Dok. P) quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala dik il-qorti kompetenti skond il-valur tal-kambjali sabiex tigi ordnata s-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-imsemmija kambjali.

"Illi r-rikorrenti qed tipprevalixxi ruhha minn dawn il-proceduri sabiex tigi sospiza l-esekuzzjoni ta' kull wahda mill-fuq imsemmija kambjali u dan ghal ragunijiet gravi u validi bizzejjed li jiggustifikaw opposizzjoni ghall-esekuzzjoni tal-imsemmija kambjali a tenur tal-proviso tal-Artiklu 253(e) tal-Kap. 12.

"Illi kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, ir-ragunijiet li jiggustifikaw is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-imsemmija kambjali huma s-segwenti:

"Din l-Onorabbli Qorti mhiex kompetenti biex tesegwixxi l-kambjali fuq imsemmija.

"Il-kambjali de quo inhargu ghar-rigward ta' hire purchase agreement datata 31 ta' Jannar, 2007 (kopja esibita bhala Dok. N) u dan relattiv ghall-obbligu ta' konsenja da parti tas-socjetà intimata ta' purtieri, shears, bedspreads, bolsters u servizzi ohra imsemmija f'Dok. N u b'mod aktar specifiku f'kuntratt ta' ordni datat 5 ta' Jannar, 2007 kopja ta' liema huma hawn esibit bhala Dok. O.

"Illi l-kambjali fuq imsemmija gew iffirmati mis-socjetà rikorrenti qabel ma l-konsenji u xogholijiet kollha gew forniti mis-socjetà intimata lis-socjetà rikorrenti. Fil-fatt is-socjetà intimata ghadha ma kkonsenjatx l-oggetti kollha ordnati (bhal pelmets) u lanqas ma esegwiet ix-xogholijiet kollha – bhal per ezempju s-socjetà intimata naqset illi tittapezza siggijiet u banketti.

"Illi inoltre rrizulta wkoll wara li gew iffirmati l-kambjali mis-socjetà rikorrenti, illi whud mill-prodotti konsenjati u partikolarment il-purtieri li kellhom ikunu tat-tip "blackout" ghal uzu f'lukandi ma kienux ta' dan it-tip u lanqas jistghu iservu bhala "blackout curtains" f'lukandi u ukoll oggetti ohra bhal purtieri ohra ma kienux tal-kwalità tajba jew mhux mehjutin

skond is-sengha u l-arti (jizzartu malajr) u s-saqqijiet kienu konsenjati b'zippijiet nieqsa.

"Illi s-socjetà intimata dejjem illuzingat lir-rikorrenti li hija kienet sejra tirrimedja izda minflok ghamlet hekk pprocediet biex tesegiwixxi l-kambjali li kellha f'idejha.

"Illi ghalhekk l-imsemmija kambjali ghandhom nieqsa dik il-kawzali rikjesta mill-ligi sabiex ikunu validi bejn il-kontendenti u inoltre gew ottenuri u issa qed jintuzaw mis-socjetà intimata.

"Ghaldaqstant, ir-rikorrenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-kambjali kopja ta' liema huma esibiti bhala Dok. B sa Dok. M.

"Bl-ispejjez."

2. Rat ir-risposta tas-socjeta` intimata Windsor Company Limited, li in forza taghha eccepiet:

"1. Illi s-socjetà esponenti Windsor Company Limited giet notifikata b'rikors intavolat mis-socjetà rikorrenti Sovereign Company Limited a tenur tal-proviso tal-Artikolu 253 (e) talKap. 12 li fiha l-istess socjeta' rikorrent talbet lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tissospendi l-esekuzzjoni ta' numru ta' kambjali ffirmati mill-istess socjeta' rikorrenti favur is-socjeta' esponenti, u dana wara li permezz ta' ittra ufficjali debitament notifikata lis-socjeta' rikorrenti s-socjeta' esponenti ppruvat tirrendi esekuttivi l-istess kambjali.

"2. Illi s-socjetà esponenti topponi ghat-talba tas-socjetà rikorrenti stante li hija infondata fil-fatt u fid-dritt, u dana ghas-segwenti ragunijiet:

"3. Illi preliminarjament, jekk kif tistqarr is-socjetà rikorrenti stess fit-tielet paragrafu mir-rikors promotur odjern, illi l-Qorti kompetenti sabiex tiehu konjizzjoni ta' rikorsipprezentat a tenur tal-artikolu 253(e) tal-Kap. 12 hija l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta), dina l-Onorabbli Qorti ma tistax tisma' u tiddeciedi r-rikors odjern stante li hija inkompetenti, u ghalhekk is-socjetà esponenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra s-socjeta' rikorrenti.

"4. Illi b'referenza ghas-suespost, jinghad bl-ikbar rispett illi huwa inkoncepibbli kif filwaqt li s-socjetà rikorrenti qeghda timplika li dina l-Onorabbli Qorti m'hijiex kompetenti taht l-artikolu 253(e) tal-Kap. 12, fl-istess waqt qeghda titlob lil dina l-Onorabbli Qorti tordna s-sospensjoni tal-kambjali *de quo*.

“5. Illi bla pregudizzju ghall-premess, fil-mertu, it-talba tas-socjetà rikorrenti ma tinkwadrax ruhha f’wahda miz-zewg ragunijiet msemmija fil-proviso tal-Artikolu 253 (e) tal-Kap. 12, ossija meta l-firma li tidher fuq il-kambjala relattiva ma tkunx tal-persuna li tkun qed taghmel talba a tenur tal-imsemmija disposizzjoni, jew fejn dik il-persuna tressaq ragunijiet ohra gravi u validi, u jekk tirrizulta wahda minn dawn iz-zewg ragunijiet, allura l-persuna (f’dan il-kaz is-socjetà esponenti) li tkun qed tesigi l-hlas ta’ dik il-kambjala tkun trid tipprocedi b’kawza skond id-disposizzjonijiet tal-Kodici tal-Kummerc.

“6. Illi fost ir-ragunijiet li s-socjetà rikorrenti donna qeghda timplika bhala raguni gravi u valida ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ghandha tissospendi l-esekuzzjoni tal-kambjali in kwistjoni, hija li din l-Onorabbli Qorti mhiex kompetenti biex tesegwixxi l-kambjali fuq imsemmija. F’dan il-kuntest jinghad illi bil-kambjali in kwistjoni, is-socjetà esponenti qeghda titlob ammont li jezorbita mill-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) (u cioè EUR29,705.10), u ghalhekk m’hemmx dubju li l-Qorti kompetenti li quddiemha kellha ssir it-talba ghall-esekuzzjoni tal-istess kambjali, hija dina l-Onorabbli Qorti, kif fil-fatt ghamlet is-socjeta’ esponenti. Mod’iehor, kif qeghda tissuggerixxi s-socjetà rikorrenti, is-socjetà esponenti kellha taghmel ittra ufficjali ghal kull kambjala!

“7. Illi s-socjeta’ rikorrenti taghmel ukoll numru ta’ allegazzjonijiet li ma jistghux jigu indagati fil-procedura odjerna, liema allegazzjonijiet jibqghu tali u ghalhekk ma jistghu qatt jikkostitwixxu r-raguni gravi u valida li jitlob il-proviso tal-Artikolu 253 (e) tal-Kap. 12. Inoltre jigi rilevat is-segwenti:

“(a) fl-ewwel lok, is-socjetà rikorrenti kellu iktar minn rimedju wiehed (sabiex fl-interess taghha, tevita lprocedura mibdija mis-socjeta’ esponenti li tirrendi esekuttivi l-kambjalijiet in kwistjoni) sija ex contractu, kif ukoll ex lege a bazi tal-Artikolu 1424 et seq. tal-Kap. 16, liema rimedji l-istess socjeta’ rikorrenti ghazlet li ma tizufruwiex minnhom sallum. Id-drittijiet li issa qeghda tippretendi s-socjetà rikorrenti, huma l-istess drittijiet naxxenti minn kull wahda mill-azzjonijiet gudizzjarji msemmija hawn fuq, li l-istess socjeta’ rikorrenti ghazlet li ma tezercitax.

“(b) Fit-tieni lok, ladarba l-persuna li tkun qed tesigi l-hlas tal-kambjala relattiva tkun trid tipprocedi b’kawza skond id-disposizzjonijiet tal-Kodici tal-Kummerc, kemm ’il darba l-Qorti, li quddiemha ssir talba a tenur tal-proviso tal-Artikolu 253 (e) tal-Kap. 16, joghgobha tissospendi l-esekuzzjoni ta’ dik il-kambjala, ir-raguni gravi u valida li tippostula din id-disposizzjoni necessarjament hija ekwiparabbli ghar-raguni gravi u valida li jippostula l-Kodici tal-Kummerc sabiex wiehed, b’success, jaghmel opposizzjoni ghall-hlas ta’ kambjala. F’dan il-kuntest issir referenza ghall-Artikolu

198 tal-imsemmi Kodici. Ma kienetx l-intenzjoni tal-legislatur li jillimita d-drittijiet naxxenti minn kambjala, anzi ghall-kuntarju, u ghalhekk filwaqt li introduca emenda fis-sens li b'semplici ittra ufficjali, kambjala tikkostitwixxi titolu esekuttiv, zamm favur id-debitur l-istess drittijiet [ta' opposizzjoni] diga rikonuxxuti fil-Kodici tal-Kummerc.

"8. Illi bla pregudizzju ghall-premess, fl-eventwalità li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tisma' l-provi fuq il-mertu, kif jirrizulta fis-smiegh ta' dawk il-provi, isiru s-segwenti konsiderazzjonijiet:

"(a) Illi kien minhabba l-inadempjenza tas-socjetà rikorrenti li taghmel il-hlasijiet dovuti kif l-istess socjetà intrabtet taghmel ratealment bil-kambjali in kwistjoni, li s-socjeta' esponenti ghadha ma kkonsenjatx ix-xoghol kollu. (Tara jekk joghgobha l-Qorti l-annessi dokumenti).

"(b) Illi fil-fatt, is-socjetà esponenti kkonsenjat il-maggiorparti tal-oggetti ordnati mis-socjetà rikorrenti, liema oggetti qeghdin jintuzaw mill-istess socjeta'.

"(c) Illi l-istess oggetti gew ordnati wara li s-socjetà rikorrenti approvat is-sample tal-materjal li minnu gew iffabrikati l-istess oggetti.

"(d) Illi hija ghal kollox infondata l-allegazzjoni tas-socjetà rikorrenti li certi oggetti ma kienux tal-kwalita' pattwita.

"(e) Illi l-problemi li gew riskontrati f'uhud mill-purtieri konsenjati, kienu problemi zghar hafna li s-socjetà esponenti, bi qbil mas-socjetà rikorrenti, intrabtet li tirrimedja, però s-socjetà rikorrenti xorta wahda ma affettwatx il-hlas tal-ammonti dovuti minnha, kif weghdet ghal diversi drabi li taghmel. (Tara jekk joghgobha l-Qorti l-annessi dokumenti).

"(f) Ghar-ragunijiet premessi, kienet is-socjeta' rikorrenti, u mhux is-socjetà esponenti, li perpetrat qerq.

"9. Illi b'referenza ghas-suespost, issir referenza ghas-segwenti sentenzi:

"(a) Fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell (sede inferjuri) tas-6 ta' Ottubru, 2004 fl-ismijiet <u>DARMANIN PIERRE vs AGIUS MOIRA ET</u>, dik l-Onorabbli Qorti qalet:

"*Jekk id-difetti ma jkunux essenzjali jew sostanzjali l-appaltant ma ghandux dritt jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt izda biss li jitlob li dawk id-difetti jigu riparati jew l-appaltatur jaccetta riduzzjoni fil-prezz*."

"Fis-sentenza wkoll tal-Onorabbli Qorti tal-Appell (sede inferjuri) tat-23 ta' Gunju, 2004 fl-ismijiet MELI CHRISTOPHER ET vs GALEA EMANUEL, dik l-Onorabbli Qorti qalet:

> "*Dipendenti fuq l-ghazla maghmula l-kommittent, imbaghad, ghandu x-xelta li jinsisti ghar-rettifika tal-vizzji u difetti riskontrati fl-opra, jew tar-riduzzjoni fil-prezz raggunt bil-konfront bejn il-valur tal-opra kontrattata u l-valur tal-opra ezegwita. Dan f'kaz li d-difetti ma jkunux daqstant sostanzjali li jipprivaw l-opra mill-iskop jew l-utilità taghha ghall-kommittent*."

"Issir referenza wkoll ghas-sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti tat-30 ta' Marzu, 2001 fl-ismijiet BLYE ENGINEERING CO. LIMITED vs PAOLO BONNICI LIMITED, li fiha dina l-Onorabbli Qorti qalet:

> "*Meta ghal kuntrarju d-difetti ma jkunux sostanzjali l-appaltatur ma jistax jigi ritenut inadempjenti, però jibqa' obbligat li jirripara d-difetti jew jaccetta riduzzjoni*."

"Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, is-socjetà esponenti titlob bir-rispett sabiex tichad it-talbiet rikorrenti, bl-ispejjez kontra s-socjeta' rikorrenti."

3. Rat id-decizjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-28 ta' April, 2016, fis-sens li gej:

> "taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba ta' Sovereign Hotels Limited u tordna lill-istess Sovereign Hotels Limited thallas l-ispejjez ta' din il-procedura."

4. Dik il-Qorti ddecidiet il-kawza wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "…permezz ta' din il-procedura s-socjetà Sovereign Hotels Limited qed titlob lil din il-Qorti tordna s-sospensjoni tal-esekuzzjoni ta' kambjali mahruga mill-istess socjetà favur Windsor Company Limited, in konnessjoni ma' xoghol ta' "furnishings" li Windsor kellha tesegwixxi fil-lukanda proprjetà ta' Sovereign.
>
> "Jirrizulta li tnax-il kambjala bil-valur komplessiv ta' €29,705.10 skadew bejn Frar 2007 u Jannar 2008. Sovereign Hotels giet interpellata thallas però baqghet inadempjenti. Anzi, intavolat il-proceduri odjerni ai termini tal-Art. 253(e) tal-Kap. 12 biex tissospendi l-esekuzzjoni.
>
> "L-ewwel raguni li fuqha ssejjes it-talba taghha Sovereign hija n-nuqqas ta' kompetenza "rationae valoris" ta' din il-Qorti. Din ir-raguni giet

effettivament imxejjna b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati moghtija fit-3 ta' Marzu 2009 li permezz taghha dik il-Qorti rriteniet lilha nnifisha inkompetenti minhabba l-valur tal-kambjali de quo.

"L-Art. 253(e) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment illi:

> *"(e) kambjali u promissory notes maħruġa skont il-Kodiċi Kap. 13. tal-Kummerċ:*
>
> *"B'dan iżda illi l-qorti kompetenti skont il-valur tal-kambjala jew promissory note tista', b'digriet li ma jkunx appellabbli, tissospendi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kollha jew f'parti minnha u sew suġġett għal garanzija kif ukoll mingħajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kif fuq imsemmi, u li għandu jsir fi żmien għoxrin jum min-notifika tal-ittra uffiċjali li tintbagħat biex tirrendi l-istess kambjala jew promissory note esegwibbli, minħabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew promissory note ma tkunx tagħha jew tal-mandatarju tagħha jew fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni u f'dak il-każ biex persuna tesiġi l-ħlas ta' dik il-kambjala jew promissory note tkun trid tipproċedi b'kawża skont id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ.*
>
> *"L-ittra uffiċjali msemmija aktar 'il fuq f'dan il-proviso għandha, taħt piena ta' nullità, tavża lid-debitur bid-dritt mogħti lilu minn dan il-proviso."*

"Ukoll fir-rigward tar-raġunijiet "gravi u validi" li jsemmi l-Artikollu 253(e), din il-Qorti diversament preseduta fil-kawża flismijiet Giovanni Briffa vs Ronald Azzopardi, kawża li kienet tirrigwarda l-allegazzjoni tal-użura, qalet hekk:

> "*Il-liġi ma tispeċifikax x'inhuma r-raġunijiet gravi u fil-fehma tal-Qorti dan ma sarx b'xi nuqqas tal-leġislatur iżda intenzjonalment għax il-leġislatur ried iħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti f'liema każijiet ikollha quddiemha l-Qorti għandha tilqa' t-talba jew le. Ċertament li r-raġuni valida m'għandhiex tkun waħda frivola għax kif tgħid l-istess liġi, ħlief fil-każ tal-firma r-raġuni trid tkun gravi u valida u dan jagħmilha ċara li persuna ma tistax kapriċċjożament topponi tali eżekuzzjoni".*
> *Iżda minn naħa l-oħra l-leġislatur ma eliminax ir-riċerka li ssir f'kawża skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ, iżda l-Artikolu 253(e) u l-proviso tiegħu ġie reż bħala proċedura (prima facie) diskrezzjonali f' idejn il-Qorti, bażat naturalment fuq raġunijiet validi u gravi. Huwa veru li mkien fil-liġi ma jinstab il-kliem prima facie iżda kien ikun bla sens li l-Qorti tidħol fid-dettalji kollha tal-proċeduri soliti meta hekk jew b'hekk dawk il-proċeduri ma ġewx eliminati mil-leġislatur, b'mod li jirrendi l-applikazzjoni ġusta tal-liġi tittieħed f' dan is-sens."* [1]

"Illi din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta, fis-sentenza 240 Contracting Limited (C39978) vs Marsaxlokk Football Club stabbiliet:

---

[1] Giovanni Briffa v. Ronald Azzopardi, 05.02.2008, Prim' Awla, LFS

> *"Illi l-liġi ma tgħidx b'mod tassattiv x'inhuma tali "raġunijiet oħra gravi u validi" li jistgħu jservu biex iżommu l-eżegwibilità ta' kambjala jew promissory note. Ma jidhirx li dan kien nuqqas min-naħa tal-leġislatur, iżda t-tħollija għad-diskrezzjoni tal-qrati biex jaraw huma, fil-każ partikolari li jitressaq quddiemhom u f'eżerċizzju mad-daqqa t'għajn, x'tista' tkun ir-raġuni tajba u gravi li twassalhom jordnaw it-twaqqif tal-eżekuzzjoni ta' kambjala jew promissory note 15;*
>
> *"Illi jissemmew każijiet li jixħtu dawl dwar liema jistgħu jkunu dawk iċ-ċirkostanzi serji biżżejjed biex jitqiesu bħala "raġuni gravi" għall-finijiet tal-imsemmi artikolu 253(e). Għalhekk, b'eżempju, jidher li jekk kemm-il darba jintwera mad-daqqa t'għajn li l-kambjala tkun inħarġet bi vjolenza fuq il-persuna li ġibditha jew jekk tkun saret għal għanijiet li jiksru xi liġi, dawn iċ-ċirkostanzi jistgħu jitqiesu bħala "gravi" biex iservu ħalli titwaqqaf l-eżekuzzjoni tagħhom, sakemm l-azzjoni għat-tħassir tal-istess kambjali tkun tista' titressaq u tkun mistħarrġa minn qorti. Hekk ukoll hija raġuni tajba għaż-żamma tal-eżekuzzjoni ta' kambjala fejn l-intima bl-ittra ġudizzjarja ssir kontra persuna li ma tidher imkien fuq l-istess kambjala, jew fejn il-kambjala tkun inħarġet bla ma jissemma l-kreditur tagħha. Iżda l-fatt li l-eżekuzzjoni ta' kambjala minn sensiela ta' kambjali maħruġa w aċċettati tkun inżammet b'ordni ta' xi qorti, ma jżommx tabilfors l-eżekuzzjoni ta' kambjala oħra minn sensiela bħal dik, u dan għaliex irid jitħares il-karattru awtonomu ta' kambjala bħala strument ta' kreditu."*

"Fil-kaz in ezami, Sovereign tilmenta li purtieri konsenjati m'humiex "blackout" skond kif miftiehem. Dwar dan il-Qorti tinnota illi l-espert mahtura mill-Qorti diversament presjeduta ma setghetx tikkostata l-veracità o meno ta din l-allegazzjoni. Minn naha l-ohra s-socjetà Windsor ressqet prova fil-forma ta' ittra tal-fornituri taghha li taccerta li l-materjal fornit huwa 99% "blackout" u accettabbli ghall-uzu ta' lukanda. Finalment ma giet kontradetta b'ebda mod ix-xhieda ta' Jason Galea li spjega kif il-materjal gie maghzul u maqbul kif fil-fatt gie konsenjat u dan meta seta' jigi uzat materjal iehor li s-Sinjuri Azzopardi ma riedux ghax kien jiswa aktar.

"Dwar difetti fil-hjata, il-Qorti tinnota li l-espert tal-Qorti ma kkostatatx ebda difett fil-hjata tal-purtieri u tal-bedspreads. Dwar is-saqqijiet hija rriskontrat xi hsara f'saqqu però nnotat ukoll illi kien digà ilu jintuza snin, kif del resto baqghu jintuzaw il-"furnishings" l-ohra kollha.

"Finlament il-Qorti tinnota li ma giet kontradetta b'ebda mod ix-xhieda ta' Windsor li d-difetti kollha bdew jissemmew meta l-istess Windsor bdiet tinsisti fuq hlas, dan wara li Sovereign kienet waqghet lura fil-pagamenti. Il-Qorti tifhem wkoll li kienet gustifikata r-reazzjoni ta' Windsor li ma tirrangax id-difetti minuri u ma tkomplix tikkonsenja xoghol kif stabbilit, galadarba l-pagamenti da parti ta' Sovereign ma baqghux isiru."

5. Rat ir-rikors tal-appell ta' Sovereign Hotels Limited li in forza tieghu u ghar-ragunijiet minnu premessi, talbet sabiex din il-Qorti tilqa' l-appell

taghha u konsegwentement thassar u tirrevoka d-decizjoni appellata tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-28 ta' April, 2016 u prevja li tichad ir-risposta tas-socjeta` ezekutanti appellata, tilqa' ir-rikors promotur tas-socjeta` ezekutata appellanti tal-11 ta' Marzu, 2008 u ghalhekk tissospendi l-ezekuzzjoni tal-kambjali mertu tal-ittra ufficjali promotorja tas-socjeta` appellata tat-18 ta' Frar, 2008 u dan bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi, jkunu a kariku tal-istess socjeta` ezekutanti appellata.

6. Rat li s-socjeta` appellata Windsor Company Limited ma ressqet l-ebda risposta tal-appell, minkejja li kienet debitament notifikata.

7. Semghet lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell in ezami;

8. Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

9. Illi permezz ta' din il-procedura, is-socjeta` rikorrenti ezekutata Sovereign Hotels Limited ressqet rikors ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) li permezz tieghu talbet is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni ta' tnax-il kambjala mahruga favur is-socjeta` Windsor Company Limited u dan wara li din is-socjeta` ezekutanti appellata interpellatha ghall-hlas tal-valur komplessiv

ta' Lm12,752.40 (ekwivalenti ghal €29,705.10) u dan a tenur tal-Artikolu 256(2) tal-Kap. 12. Is-socjeta` rikorrenti filwaqt li rrilevat li l-Qorti kompetenti sabiex tiehu konjizzjoni tal-vertenza hija l-Qorti tal-Magistrati (Malta), sostniet ukoll li jezistu ragunijiet gravi u validi bizzejjed li jiggustifikaw l-opposizzjoni taghha ghall-ezekuzzjoni tal-imsemmija kambjali a tenur tal-proviso tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12.

10. L-ewwel raguni dwar in-nuqqas ta' kompetenza giet determinata permezz ta' decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati tat-3 ta' Marzu, 2009 li rriteniet li ma kenitx kompetenti minhabba l-valur tal-kambjali in kwistjoni u ghalhekk jidher li din il-materja llum tinsab sorvolata. L-ewwel Qorti cahdet it-talbiet tar-rikorrenti Sovereign Hotels Limited, u ordnat li din l-istess socjeta` thallas l-ispejjez tal-proceduri.

11. Is-socjeta` rikorrenti hassitha aggravata bl-imsemmija decizjoni u ressqet l-appell in ezami. Fl-appell taghha s-socjeta` appellanti taghti harsa lejn in-natura tal-azzjoni u filwaqt li ticcita l-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12, tirrileva li l-ezercizzju li trid taghmel il-Qorti fl-azzjoni odjerna skont il-provvediment tal-ligi huwa wiehed fuq bazi *prima facie* u ghalhekk m'ghandhiex tidhol fil-mertu veru u proprju tal-kontestazzjoni bejn il-kontendenti. Ghalkemm il-ligi ma taghtix definizzjoni ta' x'inhuma r-ragunijiet gravi u validi, dawn ghandhom jirrizultaw fuq bazi *prima facie,* sabiex il-Qorti tordna s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjali u l-

persuna li tkun qeghda tesigi l-hlas tkun tista' tipprocedi b'kawza skont il-ligi, sabiex jigi nvestigat il-mertu veru tal-kwistjoni. Is-socjeta` rikorrenti appellanti, fil-fatt, tilmenta li l-ewwel Qorti ma kellhiex tidhol fil-mertu veru u proprju tal-kontestazzjoni ta' bejn il-kontendenti, izda kellha tiddeciedi biss jekk ir-ragunijiet li hija ressqet kenux ragunijiet validi, li fuq bazi *prima facie,* tigi ordnata s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjali in kwistjoni. Dan jinghad minnha peress li fil-fehma taghha l-ewwel Qorti dahlet fil-mertu tar-ragunijiet imressqa minnha sabiex tiddetermina jekk kinux validi u mhux fuq bazi *prima facie* u dan kien ta' pregudizzju serju ghaliha.

12. Is-socjeta` appellanti tghaddi biex tfisser il-ghala fil-fehma taghha *prima facie* jezistu ragunijiet gravi u validi, senjatament li l-appellata naqset milli tikkonsenja l-oggetti kollha ordnati minnha; kienet naqset milli tikkonsenja oggetti tal-kwalita` mwieghda; u kienet naqset milli tirrendi s-servizzi kollha mwieghda; u minkejja dan kollu l-appellata xorta ttentat, permezz tal-ittra ufficjali taghha, tezegwixxi l-kambjali in kwistjoni, liema kambjali jkopru proprju l-prezz tal-istess oggetti u servizzi. Hija tirribadixxi l-argumenti mressqa quddiem l-ewwel Qorti u cioe` li (i) l-purtieri ma kinux tat-tip *blackout* kif imwieghed u pattwit u dan kif konfermat kemm mill-espert tekniku nominata mill-ewwel Qorti, kif ukoll minn xhieda kompletament indipendenti, ossia r-rapprezentanti tal-Awtorità tat-Turizmu; (ii) li d-drapp ta' whud mill-purtieri huwa ddanneggjat jew difettuz; (iii) ix-xoghol li kellu jsir tat-tapezzerija baqa' ma sarx u ghalhekk

jinghad li s-socjeta` appellata ma setghetx tieqaf tforni l-oggetti li ntrabtet li tforni u fl-istess waqt titlob il-prezz intier, kif rapprezentat fil-valur intier tal-kambjali; kif ukoll (iv) difetti ohra li jinkludi *bedspreads* itwal milli suppost u *pelmets* li ma sarux kif suppost.

13. Ghandu jinghad mal-ewwel li kif jinghad mis-socjeta` appellanti, il-procedura kkontemplata fl-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 hija wahda specjali fejn il-Qorti hija mitluba li tivverifika fuq bazi ta' *prima facie* jekk ic-cirkostanzi partikolari imsemmija fl-istess provvediment u cioe` (I) jekk il-firma fuq il-kambjala jew *promissory note* ma tkunx ta' min ikun qieghed jopponi ghall-ezekuzzjoni taghha jew tar-rapprezentant tieghu; jew (II) li jkunu jezistu ragunijiet ohra gravi u validi sabiex issir oppozizzjoni ghal dik l-ezekuzzjoni. Il-verifika li ghandha ssir minghajr ma jsir stharrig dwar il-mertu tal-kontestazzjoni bejn il-partijiet jew xi kwistjoni li tolqot is-siwi tal-kambjala nnifisha jew tal-obbligazzjonijiet reciproci bejn il-partijiet u dan ghaliex l-istharrig tal-mertu jmissu jsir fil-kawza li jkollha titressaq mill-kreditur f'kaz li l-Qorti tilqa' it-talba ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjala. Wara kollox, il-kambjala nnifisha hija prova tad-dejn li jkun inholoq u l-emenda li saret bid-dhul fis-sehh tal-Att IX tal-2004 li bih il-kambjala saret titolu ezekuttiv, kienet intiza sabiex tevita azzjonijiet inutili fejn l-eccezzjonijiet tal-konvenut huma fi kwalsiasi kaz ferm limitati.

14. Ghalkemm is-socjeta` appellanti tilmenta li l-ewwel Qorti dahlet fil-mertu tal-kontestazzjoni bejn il-kontendenti fil-kawza, fil-verita` kienu l-istess partijiet li dahlu f'certu dettal fil-provi mressqa minnhom u sahansitra saret talba da parti tal-istess socjeta` appellanti sabiex jigi nominat espert sabiex jirrelata dwar il-kwalità tal-oggetti kkonsenjati. Ghalkemm huwa ritenut xieraq li l-Qorti taghti opportunita` lill-partijiet li jressqu l-argumenti taghhom fi proceduri simili fejn tintalab is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni ta' kambjala, sabiex kemm ifissru ahjar il-pretensjonijiet jew l-oggezzjonijiet taghhom, kif ukoll iressqu xi provi in sostenn tal-kaz taghhom, kawza bhal dik in ezami ma kellhiex titwal b'tali mod li tiskonfina fuq il-mertu tal-kontestazzjoni, peress li dawn il-proceduri m'humiex intizi bhala sostituzzjoni ghall-kawzi ohra.

15. Fi kwalunkwe kaz, ghar-rizoluzzjoni tal-kaz in ezami jinhass xieraq li f'dan l-istadju ssir distinzjoni bejn zewg kategoriji ta' kambjali, u cioe` bejn kambjali girati lil terzi u kambjali li ma jkunux. Kambjali girati lil terzi (a differenza ta' dawk li ma jkunux) jakkwistaw natura awtonoma u indipendenti mill-obbligazzjoni sottostanti. Fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-16 ta' Jannar, 2003, fil-kawza fl-ismijiet **John Giordmaina et v. Joseph Pace,** inghad hekk:

> *"…meta kambjala tibqa' fil-patrimonju tal-kredituri tal-obbligazzjoni (cioe` ma tigix girata), ma takkwistax natura awtonoma indipendenti mill-obbligazzjoni li tat lok ghall-istess kambjala. Fil-fehma ta' din il-Qorti, hu biss meta l-kambjala tkun girata li din takkwista valur "on the face of it", u allura ikun dipendenti fuq dak li johrog u jidher mill-kambjala stess. Kambjala, kif inhu magħruf, ma tohloqx novazzjoni,*

> *meta tibqa' f'idejn il-parti kontraenti ma tistax tigi distakkata mill-obbligazzjoni originali...*

Fl-istess sentenza saret distinzjoni bejn il-"fazi kuntrattwali" - meta l-kambjala ma tkunx girata, - u l-"fazi kambjarja" - meta l-kambjala tkun giet girata meta nghad:

> *"Fi kliem iehor, jekk kambjala tkun girata mill-ewwel beneficjarju (payee) li hekk isir giranti, favur terz pussessur, u dan it-terz pussessur jiftah azzjoni kambjarja kontra t-traent, it-traent konvenut ma jistax jaghti kontra l-pussessur-attur eccezzjonijiet li huma personali ghall-giranti. Ir-raguni hi ovvja: bejn it-traent u l-pussessur ma hemmx relazzjoni kuntrattwali, izda biss relazzjoni kambjarja.*
>
> *"Dan ifisser, contrario sensu, li eccezzjonijiet personali ghall-pussessur (u mhux personali ghall-giranti biss) jistghu jinghataw. Fi kliem iehor, jekk il-kambjala ma tkunx girata (u ghalhekk tkun ghada fil-fazi kuntrattwali u ma tkunx dahlet fil-fazi kambjarja) it-traent-konvenut jista` jaghti kontra l-beneficjarju-attur eccezzjonijiet personali ghalih."*

Hekk ukoll fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Edward Pavia v. Austin Camilleri,** kkonfermata minn din il-Qorti fis-27 ta' Gunju, 2014:

> *"L-obbligazzjoni kambjarja tikseb l-awtonomija tagħha meta tiġi ġirata f'idejn terzi; fi kwistjonijiet bejn dawk li kienu parti fir-relazzjoni kuntrattwali li wasslet għall-ħruġ tal-kambjala, l-obbligazzjoni kambjarja ma tinqatax mir-relazzjoni kuntrattwali. Fil-każ tallum il-kambjala għadha fil-fażi "kuntrattwali", mhux dik "kambjarja", u għalhekk jistgħu jsiru eċċezzjonijiet personali għall-partijiet, kif igħid l-art. 198 tal-Kodiċi tal-Kummerċ."*

16. L-Artikoli 197 u 198 tal-Kodici Kummercjali (Kap 13) fil-fatt jiddistingwu bejn l-eccezzjonijiet li jistghu jitressqu f'azzjoni kambjarja meta l-kambjala tkun girata u meta ma tkunx hekk girata:

> "*197. L-eċċezzjonijiet li huma personali għall-ġiranti ma jistgħux jingħataw kontra l-pussessur ta' kambjala.*
>
> *"198. (1) L-eċċezzjonijiet li huma personali għall-pussessur tal-kambjala ma jistgħux idewmu l-ħlas tagħha, jekk ma jkunux likwidi u li jistgħu jinqatgħu malajr fil-kawża li tkun miexja.*
>
> *"(2) Jekk dawn l-eċċezzjonijiet ikunu jinħtieġu eżami fit-tul, is-smigħ tagħhom isir f'kawża għaliha, u, sadanittant, il-kundanna għall-ħlas tal-kambjala, bil-garanzija jew mingħajrha, skont ma jidhrilha l-qorti, m'għandhiex tkun imdewma."*

17. Ghalkemm l-Artikolu 198 tal-Kap 13 jippermetti li f'azzjoni kambjarja jsiru eccezzjonijiet ta' natura personali f'kazijiet fejn il-kambjali ma jkunux gew girati, tali eccezzjonijiet huma limitati. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc, tal-15 ta' Novembru, 1993 (Kollez. Vol. LXXVII.IV.353), fil-kawza fl-ismijiet **Charles Gatt *nomine* v. Joseph Vassallo Gatt *nomine***, b'riferenza ghall-Artikolu 198 tal-Kap. 13 irriteniet li huwa evidenti li l-legislatur jrid li kawzi bbazati fuq kambjali jitmexxew u jigu decizi b'heffa u ghalhekk huma biss ammissibbli eccezzjonijiet li ma jkunux jehtiegu ezami fit-tul:

> *"Huma biss ammissibbli eċċezzjonijiet li jkunu ta' faċli soluzzjoni. Eċċezzjonijiet li jinħtieġu eżami fit-tul ma jistgħux jingħataw u jekk dawn jingħataw dawn ma jiġux ikkonsiderati u deċiżi fl-istess kawża kambjarja, billi diversament il-kanonizzazzjoni u l-ħlas tal-import tal-kambjali jkun konsiderevolment ittardat u mtawwal. Dan mhux permess għax altrimenti jintilef l-iskop kollu tal-istitut kambjarju li hu li jaġevola ċ-ċirkostanzi mgħaġġla tal-krediti kummerċjali."*

Gialadarba l-eccezzjonijiet li wiehed jista' jressaq fl-azzjoni kambjarja huma limitati, daqstant iehor huma limitati r-ragunijiet li ghalihom wiehed jista' jitlob is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjala. Kif inghad qabel, il-procedura ghas-sospenzjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjala taht l-Artikolu

253(e) hija fil-fatt ferm rigoruza u applikabbli biss: (i) meta l-firma fuq il-kambjala ma tkunx verament tal-persuna li allegatament iffirmatha (li mhux il-kaz), jew (ii) meta jkun hemm ragunijiet ohra gravi u validi li jiggustifikaw tali sospensjoni (kif jinghad li jirrizulta fil-kaz in ezami).

18. Il-ligi ma taghtix definizzjoni ta' x'inhuma r-ragunijiet gravi u validi sabiex issir oppozizzjoni, izda kif inghad drabi ohra, hija l-fehma tal-Qrati li dan sar mhux b'xi nuqqas tal-legislatur, izda intenzjonalment peress li l-legislatur ried ihalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti f'liema kazijiet ikollha quddiemha l-Qorti ghandha tilqa' it-talba jew le peress li kull kaz irid jigi ezaminat fic-cirkostanzi partikolari tieghu .

19. Il-gurisprudenza tixhet dawl b'ezempji ta' cirkostanzi differenti fejn giet analizzata t-terminologija ta' ragunijiet "*gravi u validi*". Hekk per ezempju, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Michael Attard Ltd v. Turista Ltd** deciza fit-22 ta' Novembru, 2012, osservat illi dawn ir-ragunijiet "*gravi u validi*" li jiggustifikaw is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjali ma jistghux ikunu usa' mir-ragunijiet ikkontemplati mil-ligi kummercjali biex izommu milli l-kambjala tithallas:

> *"Illi l-Qorti hija tal-fehma li tali raġunijiet gravi u validi ma jistgħux ikunu usa' mir-raġunijiet maħsubin mil-liġi speċjali – il-Kodiċi tal-Kummerċ – biex iżommu milli kambjala titħallas. Lanqas ma hija tal-fehma li fi proċedura bħalma hija din tal-lum, il-Qorti tistħarreġ il-mertu ta' xi kwistjoni li tolqot is-siwi tal-kambjala nnifisha jew tal-obbligazzjoni li fiha titnissel, liema stħarriġ jidher li jmissu jsir f'kawża li titressaq speċifikatament għal dan il-għan. Kulma trid il-liġi f'din il-proċedura hu li l-Qorti tara jekk hemmx raġunjiet serji*

> *biżżejjed biex tissospendi l-esekuzzjoni tal-kambjala jew tal-promissory note li tkun";*

20. Mentri fis-sentenza tat-3 ta' Frar, 2012, fil-kawza fl-ismijiet **Ian Pecorella v. Sovereign Caterers Ltd**, din il-Qorti kkunsidrat li jekk kemm-il darba jintwera mad-daqqa t'ghajn li l-kambjala tkun inharget bi vjolenza jew tkun saret ghal ghanijiet li jiksru xi ligi, dawn ic-cirkostanzi jistghu jitqiesu gravi bizzejjed sabiex iservu halli titwaqqaf l-ezekuzzjoni taghhom, sakemm l-azzjoni ghat-thassir tal-istess kambjali tkun tista' titressaq u tkun mistharrga mill-Qorti. Hekk ukoll fir-rigward tar-ragunijiet "*gravi u validi*" li jsemmi l-Artikolu 253(e), il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tal-5 ta' Frar, 2008, fl-ismijiet **Giovanni Briffa v. Ronald Azzopardi**, citata mill-ewwel Qorti, fejn intlaqghet talba ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjala ghar-raguni li kienet allegata uzura. F'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tat-12 ta' Lulju, 2019, fil-kawza fl-ismijiet **Dr. Ivan Gatt *nomine* v. Antoine Bartolo** fejn il-Qorti laqghet it-talba ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni ta' *promissory note* minhabba allegata simulazzjoni.

21. Il-kambjali mertu tal-procedura odjerna jirraprezentaw hlas ta' oggetti u servizzi li s-socjeta` rikorrenti appellanti tikkontesta minhabba diversi ragunijiet li jistghu jigu klassifikati principalment (i) li m'humiex tal-kwalita` pattwita (fil-kaz tal-purtieri li m'ghandhomx *blackout*), (ii) bhala difettuzi (fil-kaz tal-materjal ta' xi whud mill-purtieri, u x-xoghol li sar fuq

il-*bedspreads* u *pelmets*) u (iii) in parti a bazi ta' inadempjenza kuntrattwali (fil-kaz tax-xoghol ta' tapezzar).

22. Madankollu, fil-fehma ta' din il-Qorti m'ghandux ikun li anke fl-eventwalita` li tigi pprezentata *actio cambiaria,* isir dak li suppost isir f'kawza ta' difetti jew ta' inadempjenza kontrattwali. Jekk jigi permess li jinghataw eccezzjonijiet ta' dik ix-xorta, ghall-Qorti dan ikun ifisser li l-azzjoni kambjarja tigi znaturata. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tal-11 ta' Jannar, 2006, fil-kawza fl-ismijiet **Nello Micallef v. Pater Finance Co. Limited**.) Apparti li dawn ikunu eccezzjonijiet li ma jistghux jigu determinati malajr, ta' min ifakkar li l-azzjoni kambjarja hija ntiza sabiex tigi deciza mill-Qorti fl-iqsar zmien possibbli.

23. L-ewwel Qorti gustament osservat li ghalkemm is-socjeta` intimata allegat li certu affarijiet kellhom id-difetti, hija baqghet tuza tali "*furnishings*" u din il-Qorti zzid tghid li, minkejja t-trapass ta' diversi snin, lanqas jirrizulta li s-socjeta` appellanti bdiet xi proceduri gudizzjarji sabiex tfittex ghad-drittijiet taghha. Hekk ukoll jirrizulta li, is-socjeta` appellanti waqghet lura fil-hlas sa minn Frar 2007, jigifieri xahar wara li gie ffirmat il-ftehim mas-socjeta` appellata! Mentri l-ewwel ilmenti bil-miktub da parti tas-socjeta` appellanti rizultanti mill-atti dwar l-allegati difetti u nuqqasijiet saru fis-27 ta' Settembru, 2007 (ara Dok. RA3 a fol. 38 tal-process),

jigifieri wara li giet imwissija li kienu ser jinbdew proceduri gudizzjarji fil-konfront taghha sabiex isir il-hlas dovut (ara ittra legali datata 30 ta' Awwissu, 2007 a fol. 84). Dan aktar isahhah il-fehma ta' din il-Qorti li l-ezercizzju ta' diskrezzjoni da parti tal-ewwel Qorti li tichad it-talba ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjali kien wiehed xieraq u ma tarax li jezistu ragunijiet validi li tilqa' l-aggravju tas-socjeta` intimata appellanti.

24. L-uniku kaz validu li jimmerita l-intervent ta' din il-Qorti, huwa dak fejn jinsab ikkonfermat mis-socjeta` appellata ghal dak li huwa xoghol ta' tapezzar, li *ex admissis* ma twettaqx (ara f'dan is-sens l-affidavit ta' Jason Galea u r-rapport tal-espert inkarigata mill-Qorti a fol. 100). Minn harsa lejn id-dokument anness mal-ftehim (Dok. O a fol.18) dan ix-xoghol kien jikkonsisti f'*Recovery of Chairs/Stools* indikat bil-valur ta' Lm 803 u *Sofas Recovery excluding fabric* fil-valur ta' Lm486, li flimkien jaghmlu total ta' Lm1289 (ekwivalenti ghal €3002.56). Din il-Qorti tqis xieraq li tissospendi l-ezekuzzjoni tal-kambjali limitatament ghal dan l-ammont, li ghandu jitnaqqas mill-ammont ta' €29,705.10 avvanzat mis-socjeta` appellata, ghall-fini ta' ezegwibbilita`.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti tilqa' ir-rikors tal-appell tas-socjeta` Sovereign Hotels Limited limitatament kif hawn qabel spjegat u tvarja d-

decizjoni li tat il-Prim'Awla tal-Qorti fit-28 ta' April, 2016, fil-kawza fl-ismijiet premessi sabiex tilqa' t-talba taghha ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjali limitatament ghall-ammont ta' €3002.56, li ghandu jitnaqqas mill-ammont pretiz mis-socjeta` appellata.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi jinqasmu in kwantu ghal 90% a kariku tas-socjeta` appellanti Sovereign Hotels Limited u 10% a kariku tas-socjeta` appellata Windsor Company Limited.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr